bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Pierre Micallef Grimaud)
vs
Joseph Grech, iben Anthony,
imwieled il-Gżira fid-29 ta'
settembru, 1950

Illum, 8 ta' april, 2002

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –

1. talli fit-22 ta' settembru, 1998 għal ħabta tad-9.30 p.m. ġewwa Triq tal-Balal, San Ġwann, waqt li kien qed isuq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni UYA 777, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Raymond Spiteri;
2. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi saq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni UYA 777, b'manjiera perikoluża.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-akkużat jiġi skwalifikat mill-liċenzji tas-sewqan għal perjodu li din il-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-28 ta' ġunju, 2000 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

(a) fl-artikoli 225, 20 u 533 tal-Kodiċi Kriminali
(b) fl-artikoli 15(1)(a)(2) u 18(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' jannar, 2001 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-avukati ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fit-22 ta' settembru, 1998 għal ħabta tat-tmienja ta' fil-għaxija l-imputat li kien qed isuq il-karozza tiegħu tal-marka Mercedes, bin-numru tar-reġistrazzjoni UYA 777, kien għaddej minn Naxxar Road, San Gwann sejjer lejn id-direzzjoni tan-Naxxar. Hu kien ġej minn tas-Sliema fejn għandu ħanut u kien sejjer id-dar. Hu joqgħod in-Naxxar. Kien id-dlam u ti-triq kienet xotta. It-triq hemmhekk mhiex imdawwla.

Illi fl-istess ħin Raymond Spiteri kien f'dik l-istess triq. Flimkien ma martu Miriam Spiteri kienu qegħdin jixtru mingħand ħanut tal-ħaxix li hemm f'Naxxar Road. Għal preċizjoni fi spazju ta' inqas minn ħamsin metru hemm żewġ bejjiegħa tal-ħaxix. Huma kienu spiċċaw jixtru u Raymond Spiteri kien ħiereġ meta martu qaltlu li ser tixtri xi rummien. Skond Miriam Spiteri meta hi spiċċat tixtri hi ndunat li r-raġel tagħha kien quddiemha u kien għoddu wasal in-naħa l-oħra tat-triq. Il-konjuġi Spiteri kellhom jaqsmu t-triq għaliex huma kienu pparkjaw il-karozza tagħhom ġo daħla li hemm faċċata l-ħanut, jew razzett, fejn kienu qed jixtru. Din id-daħla tinsab fuq ix-xelluq tat-triq fid-direzzjoni tan-Naxxar.

Illi meta Miriam Spiteri ġiet biex taqsam it-triq hi ħarset biex tara jekk kienx hemm xi karozzi ġejjin u f'dak il-ħin hi semgħet ħoss li ħasbet li r-raġel waqqa l-kaxxa bil-ħaxix. Ħarset 'il quddiem u ma ratx lir-raġel tagħha iżda rat karozza wieqfa ftit 'il fuq minnha fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Daret mal-karozza u rat lil żewġha Raymond mal-art f'għadira demm. Fuq il-post wasal tabib, issejjħet l-ambulanza li ġiet ftit wara u Raymond Spiteri ttieħed l-isptar fejn miet.

Illi mir-rapport tal-awtopsja jirrizulta li Raymond Spiteri miet konsegwenza ta' "blunt force trauma" fuq ir-ras konsegwenza li ġie milqut mill-karozza hawn fuq indikata misjuqa mill-imputat.

Illi għal l-inċident ma kien hemm ebda xhieda okulari ħlief għal dak li qalet mart Raymond Spiteri iżda hi ma ratx l-inċident isir. Min-naħa tiegħu l-imputat kien dejjem kostanti fil-versjoni tiegħu u cioe' li hu kien isuq fuq in-naħa tiegħu tat-triq. Kif jirrizulta mill-isketch kien fin-nofs tal-kareġġjata tiegħu. Hu qatt ma ra lil Raymond Spiteri jaqsam it-triq. Kieku kien qed jaqsam hu kellhu jarah għaliex kien jaqsam quddiemu. Sema ħoss, applika immedjatament il-brakes, ra persuna tolqot il-windscreen u l-istess windscreen ġie danneġġjat. Il-ħsara li sofriet il-karozza hi kollha fuq in-naħa tax-xelluq, kif jirrizulta mir-ritratti eżebiti fl-atti ta' din il-kawża. Qabel ma ra l-persuna l-imputat ħaseb li karozza ħarġet minn dik id-daħla, fejn kienet ipparkjata l-karozza ta' Raymond Spiteri kienet laqtitu. Hu xehed li hu ma kienx qed isuq b'veloċita' għaliex dak il-ħin kien hemm traffiku tiela u niżel. Minħabba f'hekk id-dawl tal-vettura tiegħu kien fuq id-dim u ma kienx fuq il-bright. Meta ħareġ mill-karozza ra raġel mindud mal-art fuq in-naħa tax-xelluq tal-karozza tiegħu.

Illi l-espert legali u l-espert mekkaniku eżaminaw il-karozza ta' l-imputat u fil-fehma tagħhom il-windscreen kien maħmuġ u kien qed jostakola l-vizwali tas-sewwieq,

cioe' ta' l-imputat. Min-naħa l-oħra din il-kostatazzjoni saret xi ħin wara l-inċident f'lejl li kien hemm ċerta umidita'. Għalhekk, din il-kostatazzjoni mhiex waħda sodisfaċjenti li biha jiġi stabbilit id-dinamika ta' dan l-inċident. Hawnhekk, għandu jingħad li ħlief għal dan il-fatt il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet milħuqa mill-esperti maħtura.

Illi l-imputat stqarr li hu midħla sew ta' din it-triq, peress li jgħaddi minnha kuljum. Kien jaf ukoll li f'dik it-triq hemm tnejn li jbiegħu l-ħaxix. Għalhekk, l-imputat kien jaf li f'dik it-triq wieħed għandu joqgħod ferm iżjed attent għaliex kienet biċċa triq li dejjem ikun hemm il-karozzi tan-nies li jixtru mingħand iż-żewġ bejjiegħa tal-ħaxix. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-imputat ma saqx b'dik l-attenzjoni rikjesta f'dik it-triq partikolari. Jidher ċar li kien hemm nuqqas serju ta' "a proper look out". Kieku l-imputat kien attent kien jara lil Raymond Spiteri u jevita l-inċident. Jista' jkun li l-imputat wara ġurnata xogħol kien għajjien jew kien qed jaħseb xi ħaġa. Iżda hi x'inhi r-raġuni hu ċar li l-imputat ma kienx qed isuq b'dik l-attenzjoni meħtieġ. Ma ninsewx li Raymond Spiteri kien qed igorr kaxxa bil-ħaxix u kwindi kellhu jkun vizibbli sew apparti li kien raġel twil. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti l-imputat kien traskurat fis-sewqan tiegħu Hu responsabbli għall-inċident li ġara li wassal lil Raymond Spiteri jitlef ħajtu.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat saq il-vettura tiegħu b'manjiera perikoluza.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu talli bit-traskuraġni tiegħu fis-sewqan Raymond Spiteri tilef ħajtu. Rat l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali. Tenut kont tal-fedina penali u taċ-ċirkostanżi ferm partikolari ta' dan il-każ tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf liri maltin (Lm1,000). Inoltre, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah li jħallas is-somma ta' tlett mija u sittin liri maltin u dsatax il-ċentesimu (Lm360.19) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti f'dan il-każ.